MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 773/2002/1

**Jesmond Mifsud**

**Vs**

**Alfred Falzon**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) jew somma verjuri li tigi stabbilita, rapprezentanti danni kkagunati fil-vettura propjeta ta’ l-attur meta fil-25 ta’ Frar 2002 fi Triq is-Sebh, Qormi l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura bin-numru BBL 438 tat-tip Toyota u habat fil-vettura JES 284 tat-tip Fiat u propjeta ta’ l-attur.

Ra r-risposta tal-konvenut [fol. 8] u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident meritu tal-kawza.

Semgha l-provi u t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. Fil-25 ta' Frar 2002 sehh incident fi Triq is-Sebh, Qormi li fih il-vettura bin-numru JES 384 (Fiat) telghet fuq ic-*centre strip* u marret fuq in-naha l-ohra tat-triq.

2. Mill-provi jirrizulta li l-attur kien ghaddej mit-triq principali, filwaqt li l-konvenut hareg minn triq sekondarja; *"il-hrug minn triq sekondarja hija dejjem manuvra difficli u riskjuza, u, proprju minhabba f'hekk, min jaghmel din il-manuvra huwa tenut juza l-aqwa attenzjoni u cirkospezzjoni. Id-driver li jkun diehel minn side road ghal main road ghandu l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, li jesplora l-main road sewwa qabel ma jidhol fiha, u li jsuq dead slow jew iwaqqaf ghal kollox biex, u sakemm, jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara"* (**Spizjara Connie Schembri vs Felice Mallia et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 1972). L-istop sign fil-punt minn fejn kien hiereg il-konvenut kien jimponi fuq il-kkonvenut l-obbligu li jieqaf, ihares biex jesplora t-triq principali u ma jazzardax jirfes fuqha jekk qabel ma jkunx accerta ruhu illi jhalli t-traffiku li jkun ghaddej mit-triq prinicipali li jghaddi u li jkun jista' jidhol fit-triq principali minghajr ma jtellef b'xi mod lis-sewwieqa l-ohra. Min-naha l-ohra dan ma jfissirx pero' li l-*main road user* ghandu xi licenzja ta' immunita.

3. F'dan l-incident ma sehhx impatt bejn zewg vetturi. Fil-kawza **Godfrey Gauci Grech vs Emanuel Zahra** (Prim'Awla tal-Qorti Civili [FGC] deciza fit-18 ta' Novembru 1992) il-Qorti qalet: *"…il-fatt illi ma tkunx grat kollizzjoni attwali bejn il-vettura ta' l-attur u dik tal-konvenut, ma jfissirx illi dana jkun awtomatikament ezonerat minn kull responsabbilta. Ghalhekk il-Qorti trid tindaga l-operat tal-persuni nvoluti fuq dan l-incident biex tara fejn qieghda din ir-responsabbilta. Il-fatt li ma kienx hemm impatt bejn iz-zewg vetturi, ma*

*jfissirx illi b'daqshekk ma hemmx xi responsabbilta xi twiegeb ghall-istess incident"*.

4. Huwa minnu li l-verzjoni moghtija mill-kontendenti ma taqbilx. Madankollu, fil-fehma tat-Tribunal il-verzjoni moghtija mill-attur hija pjenament korraborata minn zewg xhieda okulari u indipendenti u li fil-hin ta' l-incident inzertaw ghaddejjin minn Triq is-Sebh u fl-istess direzzjoni ta' l-attur. It-Tribunal ma jara l-ebda raguni ghalfejn din ix-xhieda ghandha tigi skartata. Triq is-Sebh hija triq dritta u ma jirrizultax li dawn ix-xhieda kellhom il-vizwali taghhom ostakolata. Hekk per ezempju, Kevin Zammit [seduta tat-3 ta' Dicembru 2002] xehed:- *"F'hin minnhom jiena rajt van hiereg minn side street, rajt ukoll il-Brava vicin din is-side street, jiena rajt dan il-van hiereg minn din it-triq sekondarja minghajr ma waqaf fuq l-istop sign u hiereg b'certa velocita. Dak il-hin jiena rajt il-Fiat Brava tigbed ghal fuq il-lane ta' barra, u l-vann bl-istess mod baqa' hiereg fuq il-lane ta' barra. Il-Brava spiccat fuq is-central strip; spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq, pero' karrozzi mill-faccata ma kienux gejjin"* [fol. 67]. Verzjoni li giet ukoll ikkonfermata minn Ramon Caruana (seduta tal-1 ta' Ottubru 2002 – fol. 52) u Ivan Scicluna (seduta tal-21 ta' Mejju 2002 – fol. 32) u li kienu passiggiera fil-vettura misjuqa mill-attur. Il-konvenut xehed li qabel ma hareg fit-triq principali huwa waqaf wara l-*istop sign* u hareg biex jara hux gej traffiku minn fuq il-lemin tieghu u *"il-boghod jiena rajt karrozza ghaddejja mill-karreggata ta' barra"*. Mill-provi li rrizultaw jidher pjuttost li l-konvenut ma harisx sew. Huwa difficli li wiehed jemmen verzjoni li fiha sewwieq ighid li hares u ma rax traffiku gej, u mumenti wara jsehh incident li seta' kellu konsegwenzi ferm koroh kieku kienu gejjin vetturi mid-direzzjoni opposta ta' Triq is-Sebh, Qormi.

5. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz it-Tribunal huwa tal-fehma li l-kawza prossima ta' l-incident kienet il-manuvra azzardata li ghamel il-konvenut meta qabad u hareg ghal fuq it-triq principali minghajr ma ta kaz ta' l-*oncoming traffic*.

6. Fir-rigward tad-danni, dawn gew sodisfacentement ippruvati. Ghalkemm id-danni (ara fol. 15 – 21) jeccedu l-kompetenza ta' dan it-Tribunal, l-attur illimita t-talba tieghu ghall-hlas tas-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500).

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) pagabbli bhala danni li gew ikkagunati fl-incident tat-traffiku li sehh fil-25 ta' Frar 2002 gewwa Triq is-Sebh, Qormi u ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.

--------------------------------TMIEM--------------------------------